**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39 - IT-TLIETA 24 TA' NOVEMBRU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fit-19:46) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) avża li l-Kunsillier Galea kien infurmah li se jasal tard minħabba li kien xogħol iżda aktar tard bagħat email (annessa f'A) jinfurmah li kellu jittardja xogħol u għalhekk mhux se jlaħħaq jiġi.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi fuq l-*open gym*. Is-SE informa li kien qiegħed jiddiskuti mal-Perit li kellu jħejji xi proposti.

3.2. Il-Kunsillier Sciberras informa li kien avviċinat min persuna li xtaq jibda inizjattiva ġdida, li hija drive-in cinema. Il-proposta ta' din il-persuna hija li ssir fl-ex-trade fair grounds, u li ssir prova biex jara kif tintlaqa' min-nies. Il-MEPA ma kinitx approvat

permess DNO iżda infurmaw lil din il-persuna li jekk jagħmilha f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tkun tista' ssir.

3.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien it-19:46.

3.4. Il-Kunsillier Sciberras kompla billi ssuġġerixxa għandiex tkun amalgamata mal-attività tal-Milied li hija ppjanata għall-5 u 6 ta' Diċembru.

3.5. Wara diskussjoni, kien hemm il-qbil li ma tkunx parti mill-attività tal-Milied, iżda għandu jipproponi data hu biex issir il-prova. Il-Kunsillier Sciberras offra wkoll li jkellem lil din il-persuna biex toffri servizzi bla ħlas waqt l-attività tal-Milied.

3.6. Is-SE fakkar dwar is-sejħa għall-offerti li kien ħareġ il-Kunsill xi żmien ilu għal kiri ta' garaxx. Kompla billi informa l-Kunsill li l-kerrej kien infurmah li l-ammont kwotat (€1100) ma kienx jinkludi VAT. Għalhekk l-ammont propju kien se jkun għola (€1298).

3.7. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li l-garaxx jinkera xorta minħabba li ma kellux għażla.

3.8. Is-SE informa lill-Kunsill li ANSEK kienet organizzat konferenza, li għaliha kienu attendew il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo.

3.9. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa tas-Sindki u li fiha kienu infurmati li l-HSBC qed iniedu kampanja intitolata Catch the Drop Campaign, biex tippromwovi l-użu tal-ġibjuni. Fl-istess laqgħat kien hemm preżentazzjoni fuq il-LESA u anki diskussjoni mad-Direttur tal-Indafa Pubblika fuq inizjattiva Garby & Tidy (inkluż mobile app), fejn wieħed jista jiehu ritratt ta' xi skart b'dan l-app u jintbgħat xi hadd biex ineħħieħ.

3.10. Il-Viċi Sindku semmiet ukoll li l-Kunsill flimkien mas-sottokumitat tan-negozji organizza kors, għas-sidien tan-negozji, dwar fondi tal-UE.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

4.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

## 5. BAĠIT U PJAN GĦAS-SNIN LI ĠEJJIN

5.1. Is-SE informa li kien irċieva biss proposti mingħand is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo.

5.2. Il-Kunsillier Brincat semma kif hemm bzonn isir aġġornament tal-Pjazza, possibilment b'fondi mill-Gvern, kif ukoll li l-Kunsill għandu jara kif jista' jimmassimizza l-użu tal-bini tal-Kunsill biex jiġġenera fondi addizzjonali u b'hekk l-investiment li jagħmel il-Kunsill f'sala ġdida jirrendi.

5.3. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill ipprova jaħdem fuq iż-żewġ oqsma li semma l-Kunsillier Brincat, u fuq affarijiet oħra. Il-Kunsill dejjem mar ippreparat għal laqgħat ma entitajiet u Ministeri ikkonċernati, b'BOQs, pjanti eċċ, però l-Kunsill ma sabx l-għajnuna meħtieġa.

## 6. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

6.1. Is-SE ipprezenta l-programm li kien ħejja għall-attività ir-Raħal fil-Milied 2015.

6.2. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li t-tnedija tal-mobile app issir taħt it-tinda. Għal din il-Kunsill approva li jintbagħatu stediniet lil diversi persuni.

6.3. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:05.

6.4. Tkompliet id-diskussjoni u kien hemm il-qbil li Il-Banda tal-Kazin Vittorja iddoq il-Ħadd bejn il-17:30 u s-18:15.

6.5. Is-Sindku infurmat li kellha tkellem lil korijiet biex ituha l-konferma tal-parteċipazzjoni tagħhom waqt l-attività.

6.6. Is-SE informa li inqalet problema minħabba li l-MTA ma setgħux aktar jipprovdu palk u għalhekk kien talab għal palk mingħand il-Każin tal-Banda Vittorja. Dawn però offrew li jarmaw palk għall-prezz ta' €600. Kien hemm qbil li dan il-prezz kien wisq u għalhekk se jsir tentattiv biex isir arranġament ħalli jinġieb trailer possibilment bla ħlas.

6.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Cuomo talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:26.

6.8. Il-Kunsillier Sammut ikkonferma li l-Presepju ħaj kien se jsir bħas-sena l-oħra, u li l-Kunsill kien kiseb il-premess biex ikun hemm l-annimali fil-beraħ. Ikkonferma wkoll li n-Nemnebus se jkun qed joffri s-servizz li jdawwar in-nies mar-raħal, u li l-iScouts kienu se jgħinu fl-armar tal-istalel tal-annimali.

6.9. F'dan il-ħin is-SE informa lill-Kunsill li kien għadu kemm irċieva email/sms mingħand il-Kunsillier Galea li talab li jkun skużat għaliex mhux se jkun jista jattendi għall-laqgħa minħabba xi laqgħat dwar ic-CHOGM. Il-ħin kien l-21:50.

6.10. Il-Viċi Sindku qrat il-programm propost għad-delegati barranin li kienu se jkunu Malta bejn il-4 u s-7 ta' Diċembru. Il-programm kien jikkonsisti prinċipalment f'laqgħa ġurnata sħiħa s-Sibt 5 ta' Diċembru flimkien ma' żjarat f'postijiet ta' interess l-għada. Hija talbet ukoll lill-Kunsillieri biex jikkonfermawla l-attendenza tagħhom għal skop ta' *booking* ta' ikliet. Il-Kunsill qabel mal-programm.

## 7. ATTIVITAJIET GĦAS-SENA 2016

7.1. Is-SE ippreżenta lista ta' attivitajiet li jsiru mill-Kunsill ta' kull sena kif ukoll dati ta' interess internazzjonali, fejn il-Kunsill forsi jitħajjar jgħamel xi attività. Annessa f'E.

7.2. Informa wkoll li kien attenda laqgħa, mal-bord tal-għażla tal-iskema tal-attivtajiet kulturali, fejn dwarha kien spjegat għaliex il-Kunsill ma ngħatax fondi għall-attività tal-Milied. Ir-raġuni li ngħata kienet li qed jagħatu fondi għal affarijiet oriġinali u/jew uniċi.

7.3. Kompla jispjega li tawh suġġeriment li ssir attività f'April jew Mejju ġewwa Palazzo Parisio. Jekk il-Kunsill jixtieq jimxi fuq dan is-suġġeriment, taw l-opportunità li waħda mill-applikazzjonijiet li ssottometta l-Kunsill tiġi sostitwita.

7.4. F'dan il-ħin is-SE ġibed l-attenzzjoni li suppost il-laqgħa tintemm hawn peress li kienu saru l-22:30, sakemm il-Kunsill jaqbel li titkompla l-laqgħa.

7.5. Il-Kunsill unanimament qabel li jitkompla dan il-punt.

7.6. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li jissottometti qafas tal-attività, kif issuġġerit mill-bord, mingħajr ma jintrabat bl-ebda data.

**8. TMIEM IL-LAQGĦA**

8.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2015.

8.2. Is-Sindku esprimiet merħba lill-Kunsillier Brincat, li reġa ingħaqad mal-Kunsill wara r-riżenja tal-Kunsillier Miceli. Ħadet ukoll l-opportunità li tirringrazzja l-Kunsillier Miceli tax-xogħol tagħha tul is-snin fi ħdan il-Kunsill.

8.3. Il-laqgħa intemmet fid-22:40.

**Maria F. Deguara MD,MMCFD**
Sindku

**Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM**
Segretarju Eżekuttiv

**A**

Paul Gatt < >

## vip

**Clifford Galea** < > 24 November 2015 at 21:41
To: Paul kunsill lokali Naxxar < >

Dear Secretary,

due to chogm involvement as a liason officer i am so late due to important meetings so am unable to attend.

i take this opportunity to welcome again Marlon as a councillour.

best regards,

Clifford Galea

--
Clifford Galea M.A Baroque Studies (Melit.)

**B**

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 39

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-22 ta' Ottubru 2015 sas-17 ta' Novembru 2015

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Abraham Bellia | €300.00 | €300.00 | D | PF | Lapida gdida fi Gnien Mornago | 06-11-15 | 61 | 5324b | 5324b | 2310 | |
| 2 | Adi Associates Ltd | €130.02 | €130.02 | T | PF | Review of planning applications - Oct 15 | 29-10-15 | 1666 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | AMJ legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Oct 15 [legal services] | 01-11-15 | 155 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Anna Formosa | €18.10 | €18.10 | D | PF | Reimbursement for buying items related to Kreanza Project | 07-01-15 | 12 9_14 | n/a | n/a | 3410 | |
| 5 | Anthony Galea | €205.00 | €205.00 | D | PF | Qtugh ta' kanni ghall-barriers; tiswija ta' barrier fi Triq il-Parrocca; tiswija ta' sprall fi Triq Santa Marija u forniment ta' hadid. | 21-10-15 | 54 | 5297a | 5297a | 2310 | |
| 6 | Anton Zarb | €472.62 | €472.62 | D | PF | 2 bollards | 12-06-15 | AZ 83-15 | 5206 | 5206 | 2375 | |
| 7 | Arms Ltd | €2,523.34 | €2,523.34 | D | PF | Electricity & water consumption bill for the Naxxar Local Council's offices [25/06/2015 till 24/09/2015] | 23-10-15 | 21146148 | n/a | n/a | 2130 | 19159 |
| 8 | Arms Ltd | €780.00 | €780.00 | D | PF | Application fee & deposit on consumption for a temporary elctricity supply in Triq Santa Lucija, Triq il-Parrocca, Triq Bahar ic-Caghaq, Triq il-Kbira, Triq il-Labour and 21st Sept Avenue | n/a | n/a | n/a | n/a | 3362 | 19168 |
| 9 | Ayrton Senna Azzopardi | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq Luqa Briffa | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19171 |
| 10 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair - Triq is-Seneskalk | 29-10-15 | 122536 | 5321a | 5321a | 2311 | |
| 11 | Carmelo Grech | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery in Vjal il-21 ta' Settembru | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19172 |
| 12 | Casapinta Design Group Ltd | €1,104.48 | €1,104.48 | K | PF | Rental of 40 exhibition boards equipped with lights "Arts, Hobbies & Crafts Nov 15" | 16-11-15 | 14915 | 5297 | 5297 | 3370 | |
| 13 | Cash | €65.13 | €65.13 | D | PF | Petty cash - end of Oct 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 19164 |
| 14 | CDA Ink & Toner Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | Hp CE 285A hp P1102 | 02-11-15 | 12258 | 5320 | 5320 | 2670 | |
| 15 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street cleaning - Oct 15 | 12-11-15 | 65 | n/a | n/a | 3051 | |
| 16 | Clint Muscat | €70.00 | €70.00 | D | PF | Hire of cherry picker for cleaning the Naxxar Civic Centre's windows | 13-10-15 | 4 | 5299b | 5299b | 2370 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Commissioner of Inland Revenue | €2,621.80 | €2,621.80 | D | PF | FSS + NI - Oct 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 19158 |
| 18 | Complete Supplies Ltd | €354.00 | €354.00 | D | PF | 10 boxes of A4 photocopy paper navigator 80gsm | 02-11-15 | 228560 | 5322 | 5322 | 2620 | |
| 19 | Datatrak IT Services | €20.32 | €20.32 | D | PF | 2 pre regional tickets paid in Oct 15 | 31-10-15 | 1011247 | n/a | n/a | 3610 | |
| 20 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated 23/10/2015 re. quotations for the lighting, sound, tent [for Xmas Event Dec 15] & road signs | n/a | n/a | 5312 | 5312 | 2940 | 19117 |
| 21 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert in Govt Gazette for Xmas Event Dec 2015 - 20/12/2015 issue | n/a | n/a | 5339 | 5339 | 3370 | 19180 |
| 22 | Dimbros Ltd | €531.48 | €531.48 | T | PF | Bulky refuse collection - Oct 15 | 31-10-15 | 1082 | n/a | n/a | 3042 | |
| 23 | E Calleja & Sons Ltd | €194.49 | €194.49 | D | PF | 2 opal globes & 2 transparent black globes for Gnien l-Unjoni Ewropeja & Gnien il-Haddieda | 21-10-15 | 70030255 | 5309 | 5309 | 2310 | |
| 24 | E Calleja & Sons Ltd | €166.38 | €166.38 | D | PF | Pump Hi-Perf 240v 0.60hp | 06-11-15 | 70030850 | 5325 | 5325 | 2310 | |
| 25 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Oct 15 | 31-10-15 | 14386 | n/a | n/a | 3061 | |
| 26 | G4S Security Services Ltd | €371.70 | €371.70 | D | PF | Cash collection service - Oct 15 | 31-10-15 | GS013365 | n/a | n/a | 3190 | |
| 27 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Oct 15 | 31-10-15 | 2732 | n/a | n/a | 3130 | |
| 28 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Nov 15 (21416363) | 07-11-15 | 46021295 | n/a | n/a | 2160 | 19173 |
| 29 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Nov 15 (21417224) | 07-11-15 | 46021199 | n/a | n/a | 2160 | 19174 |
| 30 | Go plc | €84.06 | €84.06 | D | PF | Rental charge - Nov 15 (21416341) & telephony service - Oct 15 | 07-11-15 | 46021292 | n/a | n/a | 2160 | 19175 |
| 31 | Grace Camilleri | €137.97 | €137.97 | D | PF | Branch librarian services - Oct 15 | 31-10-15 | Oct-15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 32 | Image Systems Ltd | €86.64 | €86.64 | D | PF | Ink for office photocopier - Sept 15 | 30-09-15 | FSMA/119416 | n/a | n/a | 2670 | |
| 33 | Impressions Ltd | €37.80 | €37.80 | D | PF | Printing of 80 Arts & Crafts Exhibition 2015 A3 posters | 29-10-15 | 55347 | 5319 | 5319 | 2960 | |
| 34 | Impressions Ltd | €42.48 | €42.48 | D | PF | Printing of 48 A4 certificates Arts, Hobbies & Crafts Exhibition 2015 | 04-11-15 | 55451 | 5323 | 5323 | 2960 | |
| 35 | Jurgen Attard | €306.00 | €306.00 | T | PF | Football ground warden - Oct 15 | 31-10-15 | 158747 | n/a | n/a | 3191 | |
| 36 | Jurgen Attard | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Oct 15 | 31-10-15 | Ott-15 | n/a | n/a | 3125 | 19165 |
| 37 | KC Trading Ltd | €39.18 | €39.18 | D | PF | Banquet rolls | 10-11-15 | 121661 | 5331 | 5331 | 3410 | |
| 38 | Leo's Garage Paramount | €175.96 | €175.96 | K | PF | Transport service for the elderly - Sept 15 | 30-09-15 | 10002008 | n/a | n/a | 2720 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Local Government Association | €40.00 | €40.00 | D | PF | Laqgha ghas-sindki datata 14/11/2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 19162 |
| 40 | Lornit Ltd | €1,160.00 | €1,160.00 | D | PF | Permit management system - 2 logins - 01/12/2015 till the 30/11/2016 | 03-11-15 | 20151103163641 | 5324a | 5324a | 3110 | |
| 41 | Malta Tourism Authority | €500.00 | €500.00 | D | PF | Rental of 10 stalls [period 4th-7th Dec 2015] "Xmas Event 2015" | n/a | n/a | n/a | n/a | 3370 | 19178 |
| 42 | Maria Deguara | €705.04 | €705.04 | D | PF | Mayor's allowance - Oct 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 43 | Melita plc | €125.94 | €125.94 | D | PF | Internet fibre power - Nov 15 & telephony usage - Oct 15 (27013044) | 01-11-15 | 102127035 | n/a | n/a | 2160 | 19161 |
| 44 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Provision, Maintenance & Support of Wide Area Conectivity Oct - Dec 15 | 21-10-15 | 33069 | n/a | n/a | 3110 | |
| 45 | Permanent Secretary, Ministry for Justice | €50.00 | €50.00 | D | PF | Advert on Times of Malta dated 22/10/2015 re. quotations for the lighting, sound, tent [for Xmas Event Dec 15] & road signs | n/a | n/a | 5313 | 5313 | 2940 | 19118 |
| 46 | PM Hobby | €51.74 | €51.74 | D | PF | Beech solid stool | 01-10-15 | 957724 | 5240 | 5240 | 2330 | |
| 47 | Qormi Aluminium Ltd | €247.32 | €247.32 | D | PF | 18 u channels [street name signs for BIC] | 30-10-15 | 180 | 5231 | 5231 | 2313 | |
| 48 | Raymond Vella | €160.00 | €160.00 | D | PF | Opening of drainage blockage at the Naxxar Public Convenience on the 28/10/2015 | 29-10-15 | Nxr/002/15 | 5319a | 5319a | 2310 | |
| 49 | Richie's Ironmongery | €121.39 | €1.99 | D | PF | Fuse 13A less credit note 234aa | 22-10-15 | 5981aa | 5314 | 5314 | 2210 | |
| 50 | Richie's Ironmongery | €106.02 | €106.02 | D | PF | H.D. Grey grids & silicone neutral transparent | 26-10-15 | 5993aa | 5314 | 5314 | 2210 | |
| 51 | Ryan Seguna | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq San Mark | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19170 |
| 52 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of Naxxar Public Convenience - Oct 15 | 31-10-15 | Nxr_Oct15 | n/a | n/a | 3053 | |
| 53 | Snowhite Laundry | €35.00 | €35.00 | D | PF | Cleaning of 3 small flags & 2 big flags | 14-10-15 | 40407 | 5310 | 5310 | 2220 | |
| 54 | Spiral Design | €96.76 | €96.76 | D | PF | Changes of date on supplied backdrop '5' in black 20.7cm; changes of dates on 2 pvc banners; cleaning of banners; changes of dates on supplied signs 'AHC Nov 15' | 29-10-15 | 3272 | 5321b | 5321b | 3370 | |
| 55 | SRF & Veladrians | €7,038.36 | €7,038.36 | T | PF | Collection of mixed household waste - Oct 15 | 01-11-15 | 407 | n/a | n/a | 3041 | |
| 56 | SRF & Veladrians | €2,839.38 | €2,839.38 | T | PF | Collection of skips on wheels - Oct 15 | 01-11-15 | 402 | n/a | n/a | 3043 | |
| 57 | Staff wages | €7,746.45 | €7,746.45 | D | PF | Staff wages - Oct 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 58 | Sunny Cuschieri | €119.00 | €119.00 | D | PF | Filming service for the M.C.C.F. Sept 15 | 23-10-15 | 12211915 | 5286 | 5286 | 3360 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Sunny Cuschieri | €130.00 | €130.00 | D | PF | Filming service for the Arts, Hobbies & Crafts Event Nov 15 | 06-11-15 | 12211916 | 5302 | 5302 | 3370 | |
| 60 | Vascas Enterprises Ltd | €55.00 | €55.00 | D | PF | Card holder | 16-10-15 | 5498 | 5305a | 5305a | 3410 | |
| 61 | Velton Trading | €1,020.00 | €1,020.00 | D | PF | 6 boxes of 100 LED 1watt bulbs | 12-11-15 | 37 | 5333 | 5333 | 3362 | |
| 62 | Victor Mula | €1,437.50 | €1,437.50 | T | PF | Handyman service - Oct 15 | 31-10-15 | Ott-15 | n/a | n/a | 3125 | 19166 |
| 63 | Victor Xuereb | €180.00 | €180.00 | D | PF | Installazzjoni tad-dawl tal-garaxx fi Triq Burmarrad; Sensor u dawl ghal-lift; tibdil tal-pompa tal-funtana fil-pjazza | 16-11-15 | 10349421 | 5050 | 5050 | 2310 | |
| 64 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly bill - Oct 15 (99370990) | 01-11-15 | 4944958112015 | n/a | n/a | 2160 | 19167 |
| 65 | WasteServ Malta Ltd | €3,530.07 | €2,513.71 | D | PF | Allocated msw waste - Sept 15 (1st half) | 01-10-15 | 60342 | n/a | n/a | 3040 | |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | €4,375.43 | €2,513.71 | D | PF | Allocated msw waste - Sept 15 (2nd half) | 15-10-15 | 60672 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€54,863.89** | **€51,866.41** | | | | | | | | | |

**Income list for the month of October 2015** **03-11-15**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Local Govt. Assosciation with re. Romerhof Austria [Maryanne Cuomo] | €96.00 |
| 0015 | Other Government Income | €19.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €25.50 |
| 0025 | Skip Permit | €103.12 |
| 0026 | Crane Permit | €2,866.92 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €21.00 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €150.28 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €36.80 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €7.90 |
| 0125 | Trenching permits | €2.33 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,680.00 |
| | **TOTAL** | **€6,008.85** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 15939 |
| | To | 16220 |

**D**

**Purchase Order list for the month of October 2015** **03-11-15**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01-10-2015 | 5292 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 05-10-2015 | 5293 | FCM Travel Solutions | Travel Malta to Sofia & back | €224.00 |
| 05-10-2015 | 5294 | FCM Travel Solutions | 1 night stay at a hotel on the 8/10/2015 | €190.00 |
| 06-10-2015 | 5295 | Richie's Ironmongery | 20 halogen lamps | €28.00 |
| 06-10-2015 | 5296 | Richie's Ironmongery | Liberon woodstain, lineseed oil, socket & cable ties | €31.68 |
| 08-10-2015 | 5296a | Richie's Ironmongery | 8 LED lights, Tornado ES 23w E27 cool daylight & plastivil insulation tape | €97.40 |
| 09-10-2015 | 5297 | Casapinta Design Ltd | Hire of 40 exhibition boards equipped with lights for Arts, Hobbies & Crafts Nov 15 "AHC" | €1,104.48 |
| 09-10-2015 | 5297a | Anthony Galea | Tiswija ta' barriers, qtugh ta' kanni, forniment ta' hadid | €205.00 |
| 12-10-2015 | 5298 | Richie's Ironmongery | Silicone neutral transparent | €19.24 |
| 12-10-2015 | 5298a | AM Printing & Photography Services | Ikla tal-Komunita Posters, tickets & flyers | €277.30 |
| 13-10-2015 | 5299 | Richie's Ironmongery | Silicone neutral transparent & flexible conduit 20mm white | €10.02 |
| 13-10-2015 | 5299a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 13-10-2015 | 5299b | Clint Muscat | Hire of cherry picker | €70.00 |
| 14-10-2015 | 5300 | Floreal | Flowers for AHC Nov 15 | €50.00 |
| 14-10-2015 | 5301 | Reuben Seychell | Photography service for AHC Nov 15 | €85.00 |
| 14-10-2015 | 5302 | Sunny Cuschieri | Filming service - AHC Nov 15 | €130.00 |
| 15-10-2015 | 5303 | Dolceria Appettitosa | 200 ham & cheese sandwiches & waiter AHC 2015 | €118.00 |
| 15-10-2015 | 5304 | Richie's Ironmongery | HZ LED GLS 10w x3; LED golf lamp & LED ball bulb | €40.77 |
| 15-10-2015 | 5305 | Anton Zarb | Supply of 2 Festa pole hole covers | €45.38 |
| 16-10-2015 | 5305a | Vascas | Card Holder | €55.00 |
| 19-10-2015 | 5306 | Richie's Ironmongery | Black cement u ramel | €13.90 |
| 20-10-2015 | 5307 | Koptasin | 1 no access sign; 1 unloading bay sign | €111.20 |
| 20-10-2015 | 5308 | Richie's Ironmongery | Zrar | €4.20 |
| 21-10-2015 | 5309 | E Calleja & Sons | 2 Opal globes & 2 transparent black globes | €194.49 |
| 21-10-2015 | 5310 | Snowwhite Laundry | Laundry service | €35.00 |
| 21-10-2015 | 5311 | RG Alternatives Ltd | LED bulbs | €112.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 21-10-2015 | 5312 | DOI | Advert dated 23/10/15 - Quotations | €9.32 |
| 21-10-2015 | 5313 | DLG | Advert dated 22/10/15 - Quotations | €50.00 |
| 22-10-2015 | 5314 | Richie's Ironmongery | Galvanised gutter grating & fuse 13A | €121.39 |
| 22-10-2015 | 5315 | Road Maintenance Services Ltd | 2 traffic mirrors [60cm & 90cm & 1 pole] | €121.11 |
| 23-10-2015 | 5316 | SR Environmental Solutions | 2 dog foul bins (H Megiser & Labour Avn) | €368.49 |
| 27-10-2015 | 5317 | B Grima & Sons | 2 dog foul bins (Wied Anglu & Gharghur rd) | €236.00 |
| 27-10-2015 | 5318 | Archway Ironmongery | Cover, kurrenti, screws, plywood, steel nails | €73.87 |
| 27-10-2015 | 5319 | Impressions Ltd. | Posters AHC 2015 | €42.48 |
| 28-10-2015 | 5319a | Raymond Vella | Opening of drainage at the Public Convenience | €160.00 |
| 29-10-2015 | 5320 | COA Ink & Toner | toner for front desk | €44.99 |
| 29-10-2015 | 5321 | Archway Ironmongery | Cement & ramel | €16.80 |
| 29-10-2015 | 5321a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 29-10-2015 | 5321b | Spiral Design Ltd | Changes of date on supplied backdrop '5' in black 20.7cm; changes of dates on 2 pvc banners; cleaning of banners; changes of dates on supplied signs 'AHC Nov 15' | €96.76 |
| 30-10-2015 | 5322 | Complete Supplies | A4 gsm 80 paper - Navigator | €354.00 |
| | | | **Total** | **€5,083.91** |

# E

## Annual activities

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Carnival | February |
| 2 | Gimgħa Mqaddsa | March-April |
| 3 | Familja Attiva | Spring? |
| 4 | Jum in-Naxxar / Gieh in-Naxxar | 3rd w/end of May |
| 5 | Jum l-Ambjent | 05-Jun |
| 6 | Għoti ta' donazzjonijiet lill-MCCF | Sunday before 8 Sept |
| 7 | Festa tal-Vitorja | 08-Sep |
| 8 | European Mobility Week | 16-22 Sept |
| 9 | Arts, Hobbies and Crafts Exhibition | 1st w/end of Nov |
| 10 | European Week for waste Reduction | 23 to 27 Nov |
| 11 | Christmas activity | 1st or 2nd w/end of Dec |
| 12 | Ikla tal-Anzjani | 08-Dec |

**Other days to take into consideration when organising events**

| | | |
|---|---|---|
| | Jum il-Ħaddiem | 01-May |
| | L-Indipendenza | 21-Sep |
| | Repubblika / Ġbir ta' fondi tal-partiti | 12-13 Dec |

**International days**

| | | |
|---|---|---|
| | World Cancer Day | 04-Feb |
| | International Women's Day | 08-Mar |
| | International Day for the Elimination of Racial Discrimination | 21-Mar |
| | World Poetry Day | 21-Mar |
| | World Down Syndrome Day | 21-Mar |

| | | |
|---|---|---|
| | World Autism Awareness Day | 02-Apr |
| | International Day of Sport for Development and Peace | 06-Apr |
| | World Health Day | 07-Apr |
| | International Day of Families | 15-May |
| | World No-Tobacco Day | 31-May |
| | Global Day of Parents | 01-Jun |
| | World Blood Donor Day | 14-Jun |
| | International Day against Drug Abuse and Illicit Trafficking | 26-Jun |
| | World Youth Skills Day | 15-Jul |
| | International Day of Friendship | 30-Jul |
| | International Youth Day | 12-Aug |
| | International Day of Charity | 05-Sep |
| | International Day of Democracy | 15-Sep |
| | International Day of Peace | 21-Sep |
| | World Tourism Day | 27-Sep |
| | World Mental Health Day | 10-Oct |
| | World Food Day | 16-Oct |
| | World Science Day for Peace and Development | 10-Nov |
| | Universal Children’s Day | 20-Nov |
| | International Day for the Elimination of Violence against Women | 25-Nov |
| | World AIDS Day | 01-Dec |
| | International Day of Persons with Disabilities | 03-Dec |